18-02-2022 (180c)

AĦBAR

# Programm ta' taħrig dwar il-kapaċità finanzjarja

## ĠEMMA bis-sehem tal-Fondazzjoni HSBC se tħarreġ 52 voluntiera ta' Caritas Malta



RITRATT: ANDREA PIACQUADIO

F'dinja konsumista li qed ngħixu fiha, il-probabbiltà li bniedem jaqa' biex jixtri, anke ċerti affarijiet ta' valur għoli, jew li aktarx mhux essenzjali, kibret ħafna. Dan għaliex fejn qabel persuna kellu jaqbad il-karozza, jivjaġġa sal-Belt, isib jipparkja u jimxi ħanut ħanut biex jara jsibx dak meħtieġ, jew mixtieq, illum il-ħwienet kollha ġew fi djarna. U forsi l-aktar attraenti, li l-aċċess minn fejn nixtru m'għadux essenzjalment il-Belt, tas-Sliema, il-Ħamrun jew Raħal Ġdid, imma filveru sens tal-kelma, id-dinja kollha!

Din hi r-revoluzzjoni straordinarja li ġab miegħu l-internet u l-applikazzjonijiet kollha assoċjati miegħu. Il-kumdità li tixtri minn darek saret rejaltà li forsi l-ġenerazzjonijiet ta' qabilna qatt ma bassru. Imma aktar konvenjenti saret li ma baqax jum u ħin x'ħin tiddeċiedi li tixtri. Tista' tagħmel ix-xirja tiegħek fis-2.00 ta' filgħodu tal-Ħadd għaliex id-dinja tal-kummerċ virtwali tinsab hemm tistenniek, 24 siegħa kuljum sebat ijiem fil-ġimgħa.

Bla dubju l-faċilità tal-mezzi bankarji komplew jiffaċilitaw aktar dan l-istil ġdid ta' bejgħ u xiri. La għandek bżonn karti tal-Euro, la muniti, la ktieb taċ-ċekkijiet u sa ċertu punt lanqas cards. Iddaħħal ta' darba l-informazzjoni dwarek u b'sempliċi password int tista' tixtri li trid u tonfoq kemm trid, x'ħin trid u meta trid, dejjem sa fejn ilaħħaq il-but tiegħek!

U hawn hu fejn jidħol l-għaqal u l-kapaċità finanzjarja. Bħal kollox sar jitqies possibbli, meta mhux il-każ. U din hi problema li qed tolqot ħafna u ħafna nies speċjalment fejn jidħlu prodotti ta' marki magħrufa ewlenin, kif ukoll fejn tidħol moda jew l-aħħar teknoloġija. L-għaqal xi drabi, bħal donnu qed jisfuma, kemm fiż-żgħar u anke fil-kbar.

Kien għalhekk li f'dawn l-aħħar snin, fi ħdan fi ħdan il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u Drittijiet tat-Tfal inħasset il-ħtieġa li tkun imnedija l-Kampanja Nazzjonali ĠEMMA, bl-għan li tqajjem kuxjenza fost is-soċjetà lejn għaqal u kawtela fl-infieq bil-possibbiltà li sa fejn hemm lok, bniedem ikun kapaċi anke li jwarrab xi ħaġa u jġemma.

Sa mit-tnedija, ĠEMMA ħadet ħafna suriet ta' twassil ta' informazzjoni. Dan permezz tas-sit tagħha www.gemma.gov.mt, bil-paġna Facebook, permezz ta' Youtube, edukazzjoni fl-iskejjel u b'mezzi oħra ta' kull xorta. Illum qed tkompli fuq dan kollu b'inizjattiva ġdida.

ĠEMMA b'kollaborazzjoni mal-Caritas u l-Fondazzjoni HSBC Malta, bħala parti mill-programm ta' għarfien u edukazzjoni tagħha qed twassal programm ta' taħriġ ġdid dwar il-kapaċità finanzjarja. Permezz t'hekk se tħarreġ iktar minn 52 voluntiera ta' CARITAS li huma midħla sew tax-xogħol fil-komunità. Dawn il-voluntiera imbagħad se jagħtu sessjonijiet edukattivi dwar diversi temi finanzjarji bħal ma huma l-immaniġġjar tal-flus, il-monitoraġġ tad-dejn, l-ibbaġitjar, is-self, it-tfaddil kif ukoll pariri siewja oħra li għandhom x'jaqsmu mal-flus.

Il-parroċċi se jintużaw biex jingħataw dawn is-sessjonijiet biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-attendenza tal-parteċipanti. CARITAS se tagħti dawn is-sessjonijiet anki fl-iskejjel kollha madwar Malta u Għawdex minħabba l-importanza li t-tfal jinteressaw ruħhom fl-immaniġġar tal-flus sa minn età bikrija. Bħal programmi oħra ta' suċċess ta' taħriġ li huma stabbiliti fil-kalendarju ta' ĠEMMA , ta' min isemmi wkoll it-taħriġ li qed jingħata kemm mal-Istitut Paolo Freire kif ukoll mas-Servizzi ta' Saħħa Mentali.

Din l-attività ta' train-the-trainer bħal attivitajiet oħra, ma setgħetx tkun possibbli mingħajr l-appoġġ sħiħ u l-kollaborazzjoni tal-Fondazzjoni HSBC Malta. Dawn bħala kollaboraturi ta' ĠEMMA dejjem għarfu l-importanza li jittejjeb il-litteriżmu finanzjarju u ħadmu bis-sħiħ ma' ĠEMMA biex din issir pjattaforma kredibbli ta' kapaċità finanzjarja dwar kif persuna għandha tieħu l-aħjar deċiżjonijiet finanzjarji meta tippjana għall-futur.

Dwar dan, Mark Musù, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal spjega kif din l-inizjattiva pass ieħor biex theġġeġ in-nies biex jitgħallmu iktar dwar il-miri ta' kapaċità finanzjarja tagħhom. Dan biex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet finanzjarji bi ħsieb għaliex mingħajrhom il-ħajja tagħhom tkun aktar stressanti.

Michel Cordina, direttur eżekuttiv u kap tal-Iżvilupp tan-Negozju, tal-Bank HSBC Malta p.l.c. tkellem dwar kif dawn is-sessjonijiet se jgħinu l-parteċipanti jifhmu iktar dwar il-kwistjonijiet ta' flus u l-għażliet marbuta mal-istil tal-ħajja. Qal kif il-Fondazzjoni HSBC Malta għandha storja twila ta' appoġġ u kollaborazzjoni ma' ĠEMMA f'numru ta' inizjattivi dwar il-kapaċità finanzjarja. "Din l-inizjattiva ġdida hija prova oħra tal-impenn tagħna li ngħinu lit-tfal u ż-żgħażagħ biex jakkwistaw il-ħiliet finanzjarji li jeħtieġu biex isibu s-suċċess fil-ħajja".

Anthony Gatt, Direttur ta' Caritas Malta enfassizza li bħala NGO huma se jkomplu bl-isforzi u l-ħidma tagħhom biex jeqirdu l-faqar u jtaffu t-tbatija fil-waqt li jippromwovu l-iżvilupp uman. Temm kif permezz ta' din l-attività, Caritas Malta se tfittex li teduka l-voluntiera tagħha biex itejjbu l-benesseri billi jifhmu aħjar il-valur tal-flus sabiex jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet finanzjarji.

Kull min jixtieq aktar informazzjoni dwar dak kollu li tagħmel ĠEMMA jista' jżur wieħed minn dawn is-sorsi: **www.gemma.gov.mt, https://www.instagram.com/gemmagovmt/, https://www.facebook.com/gemma.know.plan.act, https://www.youtube.com/channel/UCBYOWljTOp15RLgNXUu1h7Q/videos.**

*Tonio Bonello hu l-editur media, kif ukoll corporate communications manager fi ħdan il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u Drittijiet tat-Tfal. Tistgħu tagħmlu kuntatt fuq familja.media@gov.mt.* •